# FIL-QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA

**Seduta ta' nhar il-Hamis 3 ta' Ottubru 2019**

**Rikors nru: 144/2019 AGV**

**AB ( ID nru: 208588M)**
**Vs**
**CB (ID nru:240988M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB ( ID nru: 208588M), fejn ppermettiet u tablet is-segwenti:

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet a tenur tal-artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili;
2. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-registru pubbliku ta' Malta, l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta tal-konvenut CB ( ID nru: 240988M) datata 15 ta' Lulju 2019;

1. Illi t-talba tal-attrici hija prematura nonche intermpestiva;

2. Illi f' dal-istadju l-esponent ghadu ma giex notifikat bl-ebda kawza ghall-firda personali peress li l-attrici ghazlet li tispezzetta l-proceduri bejn il-partijiet kif jaqblilha;
3. Illi l-esponent ma ghandu l-ebda problema li l-attrici tibni hajja ghal rasha, ma tezisti ebda tama ta' rikonciljazzjoini bejn il-partijiet, u huwa wkoll jixtieq li jkun jista' jibni hajtu ghal rasu;
4. Illi bid-dovut rispett, l-argument tal-attrici li hija ma tistax tibni hajja ghal rasha minhabba li ghad hemm vigenti l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, ma jsegwix u tali asserzjoni tpoggiet b' mod generali hafna u ma nghatat l-ebda kjarifika jew spejgazzjoni kredibbli ghaliha;
5. Illi fil-fatt l-attrici hija fil-liberta' kollha li tibni hajja ghal rasha minghajr zewgha in kwantu kienet hija li qabdet u telqet mid-dar matrimonjali u dan wara li kienet hija stess li tat lok ght-tifrik taz-zwieg, kif ser jigi ppruvat fil-proceduri quddiem dil-Qorti;
6. Illi apparti minn hekk, l-istess attici kemm-il darba hedded lil-esponenti li behsiebha tmur ma' rgiel ohra u anka li tinqabad tqila, minghand ragel iehor, u dan meta l-partijiet kienu ghadhom jghixu taht l-istess saqaf u jorqdu fl-istess sodda;
7. Illi ghalhekk, dit-talba f' dal-istadju, kif intqal hawn fuq, hija prematura u intempestiva minhabba li jaf li ikollhom japplikaw kontra l-attrici d-disposizzjonijiet tal-artikolu 38 u 48 tal-Kodici Civili, fost l-ohrajn, liema investigazzjoni u stharrig dwar l-imgieba tal-attrici, jkunu iktar f' lokhom pendente lite fil-kawza ta' seperazzjoni propja milli fil-mori tal-proceduri tar-rikors odjern.

Ghaldaqstant, in vista tal-fuq premess, l-esponenti jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti, sabiex joghgboh tichad it-talbiet tal-attrici ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti a tenur tal-artikolu 55 tal-Kodici Civili.

Semghet lill-partijiet u s-sottomissjonijiet maghmula minnhom;

**IKKUNSIDRAT;**

Illi it-talba ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti giet introdotta fil-ligi taghna sabiex tiffacilita l-process ta' separazzjoni bejn koppja mizzewga, billi tkun tista' tinghata bhala sentenza *in parte* waqt is-smigh tal-kawza. L-effett ta' din is-sentenza huwa semplicement li l-komunjoni tal-akkwisti tieqaf mid-data tal-istess sentenza, u ghalhekk, minn dik id-data 'l quddiem, kull parti tkun tista' takkwista proprjeta' f'isimha, minghajr ma jkollha sehem il-parti l-ohra. Madankollu, dak li kien jifforma parti mill-komunjoni sad-data tas-sentenza jibqa' hekk impregudikat sa ma tigi likwidata l-komunjoni fis-sentenza finali.

L-unika riserva li tippermetti l-ligi hija jekk tali waqfien tal-komunjoni huwiex ser jikkawza pregudizzju lil parti jew ohra, liema pregudizzju jkun tali li ma jhallix rimedju adegwat lil dik l-istess parti. Fil-kaz odjern, il-konvenut ghall-ewwel oppona ghal din it-talba, izda waqt is-sottomissjonijiet tal-partijiet, iddikjara li m'ghandux oggezzjoni ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti mitlub mill-attrici. Il-partijiet fehmu dak li l-Qorti gia' spjegat, li l-waqfien tal-komunjoni jiddetermina stat ta' fatt mid-data tas-sentenza 'l quddiem. F'dan l-ezercizzju, il-Qorti ma tidholx fi tqassim ta' djun jew ta' assi favur parti jew ohra. F'dan l-istadju, il-Qorti tista' biss tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti m'ghadhiex fis-sehh mid-data tas-sentenza. Dak li sehh qabel irid jittiehed in konsiderazzjoni fis-sentenza finali meta l-komunjoni tigi likwidata. Ghalhekk, illum il-Qorti tista' biss tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-

partijiet issa waqfet, u tirriserva li tillikwida l-assi u d-djun tal-komunjoni fis-sentenza finali, meta l-partijiet ikunu ddikjaraw li ghalqu l-provi kollha taghhom u l-kawza tithalla ghas-sentenza.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba tal-attrici mhux opposta, u ghaldaqstant tiddikjara l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

| | |
|---|---|
| **Onor. Anthony Vella** | **Cettina Gauci** |
| **Imhallef** | **Dep Reg** |